# IS-SBUĦIJA
# U
# L-KOBOR
# TAL-QUDDIESA



## KELMA ŻGĦIRA QABEL

### Għaliex għandi nieħu sehem fil-Quddies kuljum.

Is-sagrifiċċju tal-quddiesa huwa l-ogħla u l-akbar att ta' adorazzjoni li wieħed jista' jagħti lil Alla; "Adura 'l Alla tiegħek". Dan huwa l-kmandament li l-liġi naturali divina u nisranija u r-raġuni stess tagħmel lill-bniedem. U l-bniedem huwa obbligat jadura 'l Alla Ħallieq u Sid tiegħu, Benefattur u Mħallef tiegħu, li Minnu jaf kull ma għandu u li Minnu wkoll ġurnata għad jiġi ġġudikat skond ma jkun adurah u qdieh f'din il-ħajja.

### Grazzi maqlugħa bis-smiegħ tal-Quddies.

Fuq il-qawwa u s-siwi ta' dan is-sagrifiċċju qaddis isma' x'għandu xi jgħid il-kbir duttur tal-Knisja San Alfons Maria De Liguori; "il-quddiesa hija l-aktar ħaġa qaddisa u li togħġob lil Alla, il-mod l-aktar qawwi biex ittaffi l-korla Divina għall-midinbin u l-mod żgur biex trażżan il-qawwa ta' l-infern, l-akbar ġid possibbli għall-bniedem, l-aqwa sufraġju għall-erwieħ tal-Purgatorju u t-teżor bla tmiem li Ġesù għoġbu jħallilna bħala tifkira għażiża tiegħu".

San Franġisk ta' Sales sejjaħ il-quddiesa: "Nixxiegħa ta' kull grazzja, x-xemx u l-ħajja tar-reliġjon nisranija." San Bonaventura mgħaġġeb bil-kobor ta' dan il-misteru tar-reliġjon tagħna jsejħilha: "Il-ġabra ta' l-għeġubijiet li Alla għamel għall-bnedmin." Minn naħa tiegħu San Lawrenz Ġustinjanu jgħid li "L-ebda lsien ta' bniedem ma jista' jlissen l-abbundanza ta' grazzji

u ta' barka li fiha l-quddiesa. Permezz tal-quddiesa l-midneb jakkwista l-maħfra minn għand Alla, u l-ġust jikber fil-virtù."

San Leonardo minn Porto Maurizio kien igħid: "Nemmen li kieku ma kienx għall-quddiesa d-dinja ilha li nqerdet minħabba d-dnubiet bla għadd li jsiru". San Ġirolmu mbagħad jgħallimna li "dawk l-erwieħ li għalihom qed tiġi offruta l-quddiesa, fil-waqt stess taċ-ċelebrazzjoni jinħelsu mit-tbatijiet tagħhom". San Anselmu kiteb li meta nassistu għall-quddiesa jew niċċelebrawha f'din id-dinja tkun tiswielna aktar minn elf quddiesa li ħaddieħor joffri għalina wara mewtna.

Il-Beatu Patri Piju tal-pjagi jgħid: "Id-dinja aktar kapaċi teżisti mingħajr ix-xemx milli mingħajr il-quddiesa". Il-Kurat ta' Ars, San Ġwann Marija Vianney jgħid: "Kieku nkunu nafu l-valur tal-Quddies immutu bil-ferħ". Santa Teresa, darba tant kienet mitlufa bit-tjubija t'Alla, li staqsietu: "Kif nista nirringrazzjak?" Is-Sinjur Alla weġibha: **"ATTENDI GĦALL-QUDDIESA!"**

Meta tieħu sehem fil-quddies, int tpatti għad dnubiet iżjed milli kieku tagħtiha għall-penitenza ħarxa għaliex: Ġesù Kristu jagħtik sehem mill-merti Tiegħu fil-quddiesa, Ġesù Kristu jitlob għalik bl-istess ħeġġa li biha Huwa talab fuq is-salib għall-għedewwa Tiegħu. Id-Demm prezzjużissmu Tiegħu jitlob ħniena tant drabi daqs kemm il-darba xterdet sa l-anqas qatra minnu. Il-pjagi mqaddsa tiegħu jitolbu maħfra għal dnubietek, bis-saħħa tat-talb ta' Ġesù, it-talb tiegħek jiġi mismugħ iżjed malajr fil-quddiesa. It-talba li inti tagħmel fil-quddiesa għandha setgħa l-iżjed kbira, għaliex Ġesù

Kristu jippreżentaha flimkien mat-talba Tiegħu. Huwa jiddefendi l-kawża tiegħek u jaħseb għas-saħħa tiegħek; minħabba l-quddiesa, ix-xitan jitbiegħed minnek. Dawk l-anġli li jkunu preżenti jitolbu għalik u joffru lis-sinjur Alla tagħhom it-talba tiegħek.

Is-Saċerdot jirrikmanda b'mod partikulari lil dawk li jkunu preżenti, u hekk is-sagrifiċċju mqaddes ikun għalihom ta' fejda akbar. Jekk disgrazzjatament inti tkun fid-dnub il-mejjet, kull darba li tisma' sewwa l-quddiesa, kull darba Alla jagħtik il-grazzja li tikkonverti.

Fil-quddiesa l-Ispirtu s-Santu jibdel il-ħobż u l-inbid fil-Ġisem u d-Demm ta' Ġesù; il-Feddej tagħna jumilja ruħu sa jibqa' realment preżenti fl-iċken biċċa ta' kull Ostja kkonsagrata. Fil-quddiesa Ġesù iġedded il-Passjoni ħarxa tiegħu u iħallina ngawdu l-frott tagħha. Kull darba li tħares b'fidi ħajja lejn l-Ostja mqaddsa inti taqla' ħlas speċjali ġewwa s-sema. Jekk inti tingħaqad ma' Ġesù Kristu biex tagħti 'l Alla dan il-ġieħ, inti tkun qiegħed tpatti dak in-nuqqas li tkun ikkommettejt fil-qima tiegħek lejn Alla. Bl-offerta ta' dan is-sagrifiċċju ta' rikonoxxenza inti tkun qiegħed tpatti l-Alla l-benefiċċji li huwa jagħmel miegħek. Ġesù Kristu jsofri għalik u jaħfirlek id-dnubiet venjali, kemm il-darba tkun lest li tagħmel ħiltek biex ma tagħmilhomx iżjed.

Il-Quddiesa hija l-aktar ħaġa li inti tista' toffri li biha s-Santissima Trinità tieħu pjaċir, don bħal dan jiswa iktar mis-sema u l-art. Huwa jiswa daqs l-istess Alla. Huwa l-akbar glorja ta' Alla. Huwa l-ferħ tas-Santissima Trinità, u ta' l-Omm t'Alla.

Is-smiegħ tal-quddies jiġbed fuqna ġid

temporali wkoll, iħarisna minn ħafna gwaj, isaħħaħna kontra t-tentazzjonijiet, jaqlalna l-grazzja li nagħmlu mewta tajba. Ma tistax titlob aħjar għal qrabatek u għal ħbiebek milli tisma' għalihom il-quddiesa. Huwa mezz l-iżjed żgur biex tpattilhom il-benefiċċji li jkunu għamlu miegħek. Tirċievi l-barka tas-saċerdot, barka li Alla jikkonferma ġewwa s-sema. Hekku l-grazzji u l-frott li wieħed jista' jaqla' bis-smiegħ tal-quddies; u min sejjer ma jagħtix każ biex jaqla' ġid bħal dan bla tbatija ta' xejn, imma bis-sempliċi smiegħ tal-quddies. Imma dan mhux biżżejjed, isimgħu fl-aħħar nett il-wegħda li Kristu stess għamel lil Santa Mathilde: "Lil dawk li assistew għall-quddies bid-devozzjoni u bl-attenzjoni fil-pont tal-mewt tagħhom jiena nibgħatilhom numru ta' anġli u qaddisin biex jikkonfortawhom daqs in-numru ta' quddies li jkunu assistew għalih."

Minn dan kollu naraw li s-sagrifiċċju tal-quddies huwa l-aqwa xogħol t'Alla u l-akbar teżor tad-dinja, għalhekk taħlix dan il-ġid immens, imma nissel fik devozzjoni lejn il-quddiesa. Niftakru li kull quddiesa hi ta' l-akbar ġid għad-dinja kollha mwaqqfa minn Kristu stess għall-ġid ta' l-erwieħ sakemm iddum wieqfa id-dinja. Ma ninsewx li l-Quddiesa tiġbor fiha t-twelid, il-ħajja, l-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' sidna Ġesù Kristu. Hija drawwa sabiħa li malli tqum tagħmel l-intenzjoni li jekk jista' jkun tassisti għal quddies li jitqaddes madwar id-dinja kollha tul dak il-jum.

Imma kif għandna nieħdu sehem fil-quddiesa biex inkunu nistgħu naqilgħu dawn il-grazzji?

Bl-akbar attenzjoni kemm INTERNA kif ukoll ESTERNA:

- L-ilbies tagħna għandu juri s-serjetà li biha aħna nqisu t-tifkira tal-ħajja u l-passjoni tas-sinjur tagħna Ġesù Kristu.
- Lsienna għandna nrażżnuh ukoll, għax fil-ġurnata tal-ġudizzju għad irridu nagħtu kont 'l Alla ta' kull kelma żejda li nkunu għidna, speċjalment waqt is-sagrifiċċju tal-quddiesa.
- Għajnejna m'għandniex noqgħodu nżebbġuhom 'l hemm u 'l hawn; ma' ninsewx li l-kurżità hija dnub u li t-tixrid ta' l-għajnejn ixerrdilna l-ħsibijiet tagħna, għalhekk għajnejna għandna nżommuhom fuq l-artal biex nissieħbu f'dak li jkun qiegħed jagħmel u jgħid is-saċerdot u hekk nakkwistaw ħafna merti.

Nitolbu ħafna għas-saċerdoti, għax permezz tagħhom ikollna l-Ewkaristija.

Fl-aħħarnett, inkunu appostli tal-quddiesa ta' kuljum, u min jista' għandu jħabbrek biex jistampa u jqassam dan il-fuljett.

Nihil obstat
Die 30ª Maii 2001
sac. Hector Scerri
Cens. theol.

Imprimatur
Datum in Curia Archiep. Melit,
floriana, die 1ª Junii 2001
✠ Annetto Depasquale
Ep. tit. Araditan
Vicarius Generalis

Veritas Press, Zabbar